# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 15 ta' Ottubru, 2024.**

**Numru 2**

**Rikors numru 1128/16/1 FDP**

**Albert Attard, Henry Attard, Chris Sant, Shaun Arrigo, Rino Muscat Scerri, Emmanuel Micallef, Joseph Casha, John Dalli, Mark Darmanin Kissaun, Sheila Dunbar Smyth, Trevor Sullivan, Paul Gauci, Paul Cremona, Gordon Mizzi, Alfred Mangion, Peter Gatesy, Jamie Sammut, Norman Mifsud, Matthew Sammut, Philip Grima, Joe Grech, Chris Busuttil u Duncan Pace, li intervjena in statu et terminis permezz ta' digriet datat 2 ta' Jannar 2020.**

**vs**

**Awtorità għat-Trasport f'Malta**

**Il-Qorti:**

1. Din hija kawża li fiha l-atturi jippretendu li għandhom dritt ta' rmiġġ permanenti in forza ta' kuntratt bejnhom u l-Malta Maritime Authority li l-konvenuta hija s-suċċessur tagħha.

2. Fir-rikors maħluf tagħhom l-atturi ppremettew illi:

> "1. Huma sidien ta' Yachts li jirmiġġjaw f'Ta' Xbiex Yacht Marina, Ta' Xbiex.
>
> 2. Id-dritt ta' rmiġġ li jgawdu jirriżulta minn applikazzjonijiet li kienu saru ma' Malta Maritime Authority. Kopja ta' tali applikazzjoni qiegħed tiġi eżebita bħala Dok A. Kif jirriżulta minn din l-applikazzjoni l-Malta Maritime Authority kienet tikkontempla tlett tipi ta' kuntratti ta' irmiġġ, kuntratt mensili, kuntratt annwali, u kuntratt permanenti.
>
> 3. Kienu applikaw għal irmiġġ permanenti liema applikazzjoni ġiet milqugħa mill-Malta Maritime Authority.
>
> 4. L-Awtorita' konvenuta qiegħda tippretendi illi m'hi marbuta bl-ebda relazzjoni kontrattwali ma' l-atturi pero' tikkontendi li għandha dritt li tbiddel il-kundizzjonijiet liberament u unilateralment. In effetti l-Awtorita' konvenuta kienet kitbet lill-atturi ittra b'abbozz tal-kuntratt b'avviż ċar illi jekk ma jiffirmawx tali abbozz jitqiesu illi qed jirmiġġjaw mingħajr titolu.
>
> 5. Ma ffirmawx dan l-abbozz għaliex ma qablux mal-kundizzjonijiet fih kontenuti."

**Ikkunsidrat**

3. Dok A fuq imsemmi jikkonsisti f'għadd ta' dokumenti. A Fol. 5 jikkonsisti f'sejħa mill-Malta Maritime Authority għal applikazzjonijiet għall-irmiġġ, datata 24.07.1992, abbażi ta' A.L. 71/92. A Fol. 6 hemm applikazzjoni minn Barth Attard datata 20.08.1992 għal "*berthing licence for a pontoon berth/or stern-to on quay.... I also understand that the Authority reserves the right to allocate berths according to availability and length/type of vessel*." Fol 7 hemm speċi ta' ċertifikat bid-data 01.01.1993 li juri li Blue Bayon Co Ltd kellha permess tat-tip "*Stern to Quay*" u bil-

"*contract period*" indikat bħala "*permanent*". A Fol 10 sa Fol 15 hemm esebiti riċevuti bejn 01.01.2001 u 31.12.2002 favur Mr Barth Attard ta' Pantalesco Ltd bil-"contract type" indikat bħala "permanent".

4. B'sentenza bejn l-istess partijiet tas-17 ta' Marzu 2014, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) iddikjarat:

> "Illi bid-decizjoni tal-intimata Awtorità ghat-Trasport f'Malta illi unilateralment thassru d-drittijiet akkwiziti li kienu jgawdu r-rikorrenti fl-uzu tal-irmigg ghall-yachts taghhom fil-Yacht Marina Ta' Xbiex meta minn kuntratt permanenti nbidlu ghal kuntratt ghal sena hija kkommettiet ksur tal-jeddijiet fondamentali tar-rikorrenti kif dawk il-jeddijiet huma protetti bl-Artikolu 37 talKostituzzjoni ta' Malta u bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali."

5. B'sentenza tas-6 ta' Frar 2015 il-Qorti Kostituzzjonali ħassret is-sentenza tas-17 ta' Marzu 2014 wara li kkunsidrat:

> "35. Mill-premess certament ma jistax jigi konkjuz li jirrizulta li gie stabbilit sufficjentement li r-rikorrenti ghandhom id-dritt pretiz minnhom b'mod u tali li jista' jinghad li l-pretensjoni tar-rikorrenti saret parti mill-possedimenti taghhom. Din il-prova kienet tispetta lir-rikorrenti izda, kif jirrizulta millpremess, il-provi migjuba minnhom huma skarsi u ekwivoci ghall-ahhar. Apparti li l-provi li ngiebu jirrigwardaw numru verament zghir fost ir-rikorrenti, lkwalita` tal-istess provi hi karenti ghal kollox.
>
> 36. Ir-rikorrenti jistriehu unikament fuq il-kliem "*Contract Type: Permanent*" li jidhru stampati fuq ir-ricevuti esibiti. L-istess ricevuti, izda, ma jistghux jittiehdu bhala sostitut ghall-kuntratt li jidher hemm riferenza ghalih firricevuti. Ebda prova ta' tali kuntratt ma saret. Ghalhekk anqas jista' jigi inferit xejn dwar it-tifsira tal-kelma "*permanent*" li tidher fuq l-istess ricevuti. Certament "*permanent*" ma tfissirx "*eternal*" u l-ufficjali tal-Awtorità intimata taw spjegazzoni plawzibbli alternattiva ghal dik li jsostnu r-rikorrenti u cioe` li l-kelma "*permanent*" kienet tintuza biex tiddistingwi il-koncessjonijiet "*seasonal*" li jinghataw ghal perjodi stagjonali u ghalhekk temporanji minn dawk li jinghataw ghal perjodu intier ta' sena u li setghu jigu mgedda minn sena ghal sena.

> 37. Min-naha l-ohra, jekk il-"kuntratt" li hemm riferenza ghalih fir-ricevuti qatt ma ezista izda l-koncessjoni in kwistjoni kienet dik kif temana mil-ligi ma rrizultat ebda dispozizzjoni inekwivoka tal-ligi li tipprovdi ghal koncessoni ta' rmigg ta' natura permanenti fis-sens li jippretendu r-rikorrenti. Ebda rmigg ghal zmien permanenti ma jissemma' fir-regolamenti tal-1992 dwar ic-Centri ta' *Yachting* (A.L. 71/1992) li jipprevedu drittijiet (*fees*) unikament ghal zmien temporanju ghall-massimu ta' zmien sena u b'rati stagjonali jew bil-gurnata, bil-gimgha, kull hmistax, jew fix-xahar li tvarja skont l-istagun.
>
> 38. Ir-rikorrenti tal-anqas sa minn meta pprezentaw ir-rikors taghhom ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kienu jafu li l-pretensjoni taghhom kienet qed tigi kontestata u rezistita mill-Awtorità kompetenti u li ghalhekk illegittimita` tal-pretensjoni taghhom setghet tigi stabbilita biss billi tigi accertata gudizzjarjament quddiem il-Qorti kompetenti ta' gurisdizzjoni ordinarja. Irrikorrenti, izda, ma adixxewx lil dik il-qorti qabel intentaw il-proceduri kostituzzjonali prezenti bil-konsegwenza li sabu ruhhom f'pozizzjoni li ma jistghux jissodisfaw lil din il-Qorti li huma verament ghandhom fost l-assi taghhom il-possediment konsistenti fid-dritt permanenti ghal irmig ghal zmien indefinit kif pretiz minnhom. Anzi, is-sentenzi tal-qrati huma pjuttost fiddirezzjoni opposta.[1]"

6. B'sentenza tal-21 ta' Ottubru 2021 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talbiet tal-atturi. Hija kkunsidrat illi:

> "33. Jirriżulta illi l-bażi tal-azzjoni odjerna tar-rikorrenti kollha, inkluż dawk li ma ġabu ebda prova dwar applikazzjoni u/jew ftehim, hija li l-ftehim tagħhom kien wieħed ta' irmiġġ permanenti, abbażi ta' dak miftiehem fis-sena 1992, bir-riżultat illi l-Awtorita' intimata, bħala suċċessur tal-Malta Maritime Authority, ma kellha ebda dritt illi tordna lir-rikorrenti biex ineħħu d-dgħajjes tagħhom.
>
> 34. Il-Qorti tosserva illi sabiex tkun tista' tikkunsidra tali pretensjoni, il-Qorti trid tevalwa u tqis dak kontenut fl-Avviż Legali 71 ta' l-1992 ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern fl-24 ta' Lulju 1992, intitolat '***Regolamenti ta' 1992 dwar iċ-Ċentri ta' Yachting***", li kopja tiegħu r-rikorrenti naqsu li jippreżentaw iżda dina l-Qorti ġabet kopja tagħha u inkludietha fl-atti tal-proċess odjern.
>
> - omissis –
>
> 43. Jirriżulta għalhekk, illi, kif del resto jiddikjaraw ir-rikorrent fir-rikors promotur tagħhom, l-Avviż Legali 71 tal-1992, illi abbażi tagħhom

[1] Ara s-sentenzi PA Emanuel Gatt et v Awtorità Marittima ta' Malta, 7/7/2004; PA White Wave Limited v Awtorità Marittima ta' Malta, 2/12/2004

inħarġu l-ftehim lil kull minn kellu bastiment fil-Yacht Marina ta' Ta' Xbiex kif indikat fl-istess Regolament, kien jipprovdi għal kuntratt mensili kif ukoll kuntratt annwali, **iżda qatt ma kkontempla jew ipprovda għal kuntratt permanenti**.

44. Jirriżulta wkoll illi fil-ftehim li ġie ppreżentat fl-atti tal-proċeduri odjerni, inkluż dak ippreżentat flimkien mar-rikors promotur, u li jidher li ġie ffirmat minn ftit mir-rikorrenti, li tiegħu ġia saret referenza aktar 'il fuq fil-para 20, joħorġu ċari s-segwenti punti, li huma riflessjoni ta' dak stipulat fl-Avviż Legali 71 tal-1992, ossija:

> "a. Li l-applikant kien qiegħed jagħti "*a deposit for **renting a berth** which I understand will not be refundable in the case of cancellation or the berth not being taken up within seven days*"
>
> b. Li l-applikant kien a korrent tal-kundizzjoni illi "*the Authority reserves the right to allocate berths according to availability and length/type of vessel.*"

45. Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi għalhekk joħroġ ċar, kemm mid-diċitura ta' tali ftehim, kif ukoll mill-Avviż Legali 71 tas-sena 1992, illi l-irmiġġ li kien qiegħed jingħata għall-bastiment ġewwa l-Yachting Centre ta' Ta' Xbiex kien wieħed ta' natura temporanja, li għalih l-applikant kien qiegħed iħallas kirja u li l-Awtorita' kellha kull dritt li talloka irmiġġi skond kif ikun hemm a disposizzjoni tagħha.

46. Il-Qorti ma tistax ma tirrilevax illi minn imkien ma jirriżulta illi sid ta' bastiment kien qiegħed jingħata irmiġġ permanenti – l-irmiġġ kien dejjem wieħed temporanju u soġġett għall-perjodu ta' żmien, li seta' jvarja minn ġurnata waħda sa sena sħiħa.

## Ikkunsidrat

47. Jirriżulta illi, għalkemm mhux indikat mir-rikorrenti, l-Avviż Legali 71 tas-sena 1992 ġie sussegwentement revokat u rimpjazzat bl-Avviż Legali 103 tas-sena 2011, ossija Leġislazzjoni Sussidjarja 499.10 intitolat "*Regolament dwar iċ-Ċentri ta' Yachting*" – kopja tagħha ġiet inserita mill-Qorti fl-atti tal-proċess.

48. Jirriżulta illi dawna r-regolamenti, fost affarijiet oħra, jintroduċu l-kunċett ta' Operatur ta' Ċentru ta' Yachting li huwa awtorizzat "*mill-Awtorita' jew mill-Ministru sabiex tmexxi u tħaddem ċentru ta' yachting*".

49. Jirriżulta illi fl-Artikolu 19 ta' l-istess Regolament, kif oriġinalment redatt, illi r-Regolamenti tal-1992 dwar iċ-Ċentri ta' Yachting kienu ġew revokati.

50. Jirriżulta, madanakollu, illi tali Avviż Legali kkontempla disposizzjoni transitorja u, di fatti, fl-Artkolu 20 jipprovdi dan li ġej:

> *"Kull permess maħruġ taħt ir-Regolamenti tal-1992 dwar iċ-ċentri ta' Yachting għandhom jibqgħu fis-seħħ u validi daqs li kieku kienu maħruġa taħt dawn ir-regolamenti sakemm jiskadi l-perjodu tal-validità tagħhom.*" (sottolinjar tal-Qorti)
>
> **Ikkunsidrat**
>
> 51. Il-Qorti tirrileva illi, abbażi tal-ftit provi pprovduti mir-rikorrenti, kif ukoll il-provi mressqa mill-Awtorita' intimata, joħroġ ċar illi kull bastiment illi ngħata '*berthing licence*' għal marina indikata bħala Ta' Xbiex Yacht Marina' abbażi tar-Regolamenti eżistenti u stabbiliti fl-Avviż Legali 71 tas-sena 1992, ingħata dan fuq bażi temporanja u għal żmien fiss u stabbilit li seta' jvarja minn ġurnata sa sena, iżda presumibbilment, fil-każ tar-rikorrenti, kien ta' sena."

7. L-Ewwel Qorti kompliet ir-raġunament tagħha billi ċċitat para 36-37 tas-sentenza tas-17 ta' Marzu 2014 tal-Qorti Kostituzzjonali li interpretat il-kelma "permanent".

8. Fl-aħħarnett l-Ewwel Qorti kkonkludiet hekk:

> "53. Dina l-Qorti, wara illi rat l-kuntratti eżebiti mill-partijiet u rat id-dokumentazzjoni kollha lilha ppreżentata kif ukoll abbażi tax-xhieda prodotta quddiemha, ma tistax ma tagħmilx tagħha r-raġunament u konklużjoni milħuqa mill-Qorti Kostituzzjonali.
>
> 54. Minn imkien ma jirriżulta illi s-sidien tal-bastiment irmiġġjati fil-marina ta' Ta' Xbiex qatt ingħataw xi dritt '*permanenti*', kif minnhom allegat, u kif jidher indikat fuq ir-riċevuta kif ukoll, b'mod skritt bl-idejn, fuq l-applikazzjoni eżebiti fl-atti.
>
> 55. Mill-banda l-oħra, jidher ċar illi lilhom ingħatalhom dritt ta' irmiġġ a tenur talAvviż Legali 71 tas-sena 1992, liema Avviż Legali kien jipprovdi għal "*drittijiet li jitħallsu għall-irmiġġ jew ankrati f'ċentru ta' yachting dwar kull yacht, għal dak iż-żmien li jidher taħt il-kolonna rispettiva*", liema kolonni lkoll jipprovdu għal irmiġġ fuq perjodu ta' żmien, li jvarja minn ġurnata għal sena – qatt ma huwa kkunsidrat irmiġġ permanenti!
>
> 56. Jirriżulta ċar ukoll illi, abbażi tal-Avviż Legali 103 tas-sena 2011, ossija Leġislazzjoni Sussidjarja 499.10 intitolat "*Regolament dwar iċ-Ċentri ta' Yachting*", kull permess maħruġ taħt ir-Regolamenti tas-sena 1992 baqa' fis-seħħ u validu sakemm skada il-perjodu ta'

validita' tiegħu, u dana kif jipprovdi flArtikolu 20 ta' l-istess Leġislazzjoni Sussidjarja 499.10.

57. Tenut kont illi l-proċeduri odjerni inbdew fl-14 ta' Diċembru 2016 u tenut kont talfatt illi l-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.10 ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fit-18 ta' Marzu 2011, u anke in vista tal-fatt illi l-itwal perjodu stabbilit firRegolamenti tas-sena 1992 kienu ta' sena, il-Qorti tqis illi kwalsiasi dritt ta' irmiġġ illi seta' kellhom r-rikorrenti u l-bastiment rmiġġjati f'Ta' Xbiex Yacht Marina illum il-ġurnata skada u ma għadux jeżisti.

58. Għalhekk, ir-rikorrenti ma għandhom ebda dritt ta' irmiġġ f'Ta' Xbiex Yacht Marina, Ta' Xbiex."

9. L-atturi ħassewhom aggravati bis-sentenza tal-Ewwel Qorti u ppreżentaw dan l-appell b'dawn l-aggravji:

**L-ewwel aggravju: l-Ewwel Qorti kisret l-Art. 732A tal-Kap. 12**

10. In sostenn ta' dan l-aggravju, l-atturi jsostnu illi:

"Illi minn qari tas-sentenza li l-Ewwel Qorti rraġunat bil-mod kif għamlet għaliex straħet fuq interpretazzjoni ta' liġi li skond hi, ma setgħet qatt tippermetti li jseħħ kuntratt kif pretiż mill-appellanti. Għall-appellanti dan ir-raġunament ma huwa xejn għajr eċċezzjoni ta' xejra kuntrattwali **fis-sens li dak il-kuntratt kien kontra l-liġi**.[2] Huwa magħruf li dik it-tip t'eċċezzjoni hija ta' ordni pubbliku għaliex dak li tenniet l-Ewwel Qorti huwa li kuntratt bħal dak verament huwa null għaliex ipprojbit mill-liġi. Stabbilit dan allura, huwa ovvju li l-Ewwel Qorti ssollevat din l-eċċezzjoni hija stess.

Illi minn qari tar-risposta ġuramentata u tal-atti kollha (inkluż in-noti ta' sottomissjonijiet) jirriżulta ċar li dan il-punt qatt ma kien dibattut u qatt ma ġie eċċepit mill-appellata. Għalhekk l-Ewwel Qorti naqset meta m'applikatx dak li jgħid u jrid l-artikolu 732A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

-omissis-

Għalhekk is-sentenza hija nulla."

[2] L-enfasi ġiet miżjuda minn din il-Qorti.

11. Huwa prinċipju fundamentali tal-ordinamenti proċesswali moderni, inkluż dak Malti, li l-inizjattiva proċesswali hija mħollija f'idejn il-partijiet. Għalhekk il-Qorti la tressaq talbiet hi u lanqas tipprovdi għad-difiża tagħhom. Il-ballun qiegħed f'saqajn l-attur u l-konvenut. Il-Qorti ma tistax tmur lil hinn mill-parametri tal-kontroversja hekk kif posti mill-partijiet. Tista' biss tqajjem dawk l-eċċezzjonijiet limitati li jistgħu jitqanqlu *ex officio*. U anke meta tagħmel hekk, il-liġi (Art. 732A Kap. 12) tesiġi li qabel tiddeċiedi, l-Qorti għandha tavża lill-partijiet bl-eċċezzjoni li tkun qiegħda tqanqal hi stess sabiex ikunu f'qagħda li jirregolaw il-pożizzjonijiet rispettivi tagħhom dwarha.

12. Fil-każ preżenti, l-Ewwel Qorti ma qalitx li kienet qiegħda tqajjem xi eċċezzjoni *ex officio* u fil-fatt m'għamlet xejn minn dan.

13. Id-doljanza tal-atturi appellanti hi l-pronunzjament tal-Ewwel Qorti li l-Avviż Legali 71 tal-1992 ma jippermettix l-għoti ta' dritt ta' rmiġġ permanenti, jikkostitwixxi eċċezzjoni li ma tqanqlitx fil-prim'istanza u li allura ma setgħetx tiġi mqanqla mill-Prim'Awla fis-sentenza tagħha.

14. Il-liġi ma tagħtix definizzjoni ta' x'inhi eċċezzjoni. Għalhekk iqum il-kweżit: *quid est exceptio*? Skont il-Chiovenda, taħt ir-reġim proċesswali modern, hemm tlett tipi ta' eċċezzjonijiet:

(1) F'sens ġenerali ħafna, kull difiża fil-mertu, inkluża ċ-ċaħda tal-fundament tad-domanda.

(2) F'sens iktar dejjaq, kull difiża fil-mertu li ma tikkonsistix fis-sempliċi ċaħda tal-fatt affermat mill-attur; imma mill-kontrappożizzjoni ta' fatt impedittiv jew estintiv li jeskludi l-effetti ġuridiċi tad-domandi u għalhekk l-azzjoni.

(3) F'sens saħansitra iktar dejjaq, l-oppożizzjoni ta' fatti li ma jeskludux l-azzjoni, imma li jagħtu l-poter ġuridiku lill-konvenut li jannulla l-azzjoni.

15. L-ordinament ġudizzjarju tagħna ma jqisx l-eċċezzjoni fis-sens ġeneralissimu tagħha bħala vera u proprja eċċezzjoni. Jekk l-attur ma jissodisfax l-elementi rikjesti mil-liġi għall-azzjoni tiegħu, il-Qorti ma ttiħx raġun lanqas jekk il-konvenut ma jqanqal l-ebda difiża f'dan is-sens. Dan saħansitra fil-każ tal-konvenut kontumaċi, fejn żgur li l-kontumaċi ma jkun qanqal l-ebda forma ta' difiża. Hekk per eżempju f'azzjoni ta' spoll fejn il-konvenut jibqa' kontumaċi, l-attur xorta jrid iġib il-prova tal-*possedisse, spogliatum fuisse, infra bimextrem deduxisse*. Xejn ma hemm xi jżomm lill-Qorti milli tiċħadlu t-talba jekk xi wieħed jew iżjed minn dawn l-elementi jkun nieqes. Dan għaliex il-Qorti hija obbligata tapplika l-liġi: *iura novit*

*curia*. Dan l-eżerċizzju jaqa' fit-territorju tal-podestà tagħha, u mhux f'dak tal-partijiet.

16. Fil-każ preżenti, dak li għamlet l-Ewwel Qorti ma jinkwadrax ruħu fid-definizzjoni ta' eċċezzjoni, lanqas dik l-iktar wiesa' u li proprjament lanqas hi eċċezzjoni. Kull m'għamlet il-Qorti kien li (i) sabet il-liġi applikabbli u (ii) interpretatha fis-sens li ma tippermettix li jsir ftehim ta' irmiġġi permanenti. Dan l-eżerċizzju jaqa' mhux biss fis-setgħa, imma fid-dover tal-Qorti, li qiegħda hemm biex tapplika l-liġi għall-fattispeċie tal-każ. M'hemmx għalfejn il-partijiet jiċċitaw id-dispożizzjonijiet tal-liġi applikabbli; lanqas hemm għalfejn il-Qorti, waqt it-trattazzjoni tal-kawża, tavża lill-partijiet bil-ħsibijiet tagħha dwar liema liġi tkun sejra tapplika fis-sentenza tagħha. Barra minn hekk, din il-liġi hija msemmija ("By Legal Notice 71/92") fis-sejħa għall-applikazzjonijiet għall-irmiġġ li l-atturi stess esebew bħala Dok A u li abbażi tagħha fil-fatt applikaw.

17. L-Ewwel Qorti ma kkunsidratx li l-ftehim kien kontra l-liġi jew l-ordni pubbliku. Irreferiet għall-A.L.71/92 mhux biex timpunja l-ftehim iżda biex issaħħaħ l-interpretazzjoni tagħha li l-ftehim ma kienx jikkonsisti f'kuntratt permanenti. Lanqas tbiegħdet mill-eċċezzjonijiet imqanqla mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta fis-sens li l-ftehim ta' rmiġġ ma kienx wieħed permanenti, sostnuti mill-ġurisprudenza.

18. L-Ewwel Qorti ma qajjmet l-ebda eċċezzjoni jew kwistjoni ġdida u għalhekk ma kisritx id-dispożizzjonijiet tal-Art. 732A tal-Kodiċi ta' Proċedura.

19. Dan l-aggravju qiegħed għalhekk jiġi miċħud.

20. **It-tieni aggravju huwa li l-Ewwel Qorti injorat il-fatt li hemm rabta kuntrattwali ta' rmiġġ permanenti; li għamlet referenza għal liġi posterjuri li ma kinitx applikabbli għar-relazzjoni bejn il-kontendenti.** Li anzi, terġa' u tgħid, fl-istess Avviż Legali li ssemmi l-Ewwel Qorti u ċjoè l-Avviż Legali 103 tas-sena 2011, hemm imniżżel hekk fl-Artikolu 21 tiegħu:

> "Kull permess maħruġ taħt ir-Regolamenti tal-1992 dwar iċ-Ċentri ta' Yachting għandhom jibqgħu fis-seħħ u validi daqs li kieku kienu maħruġa taħt dawn ir-regolamenti sakemm jiskadi l-perjodu ta' validita' tagħhom."

21. L-ewwel nett din il-Qorti qrat b'reqqa l-parti razzjonali tas-sentenza tal-ewwel Qorti. Dik il-Qorti għalkemm għamlet riferenza għal-liġi posterjuri, mingħajr l-ebda dubbju bbażat id-deċiżjoni tagħha fuq ir-Regolamenti tal-1992, tant li ċċitat il-preċitata *saving clause* fl-Art. 21.

22. Din il-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti ma qalitx li ma kienx hemm relazzjoni kuntrattwali, kif qegħdin jallegaw b'mod żbaljat l-appellanti. Dak li affermat kien li l-kuntratt kien għal żmien sena u mhux għal żmien

permanenti. Dan l-aggravju jistrieħ fuq il-presuppost li l-kelma "*permanent*" kellha tiġi interpretata li tfisser dritt għal żmien indefenit. L-Ewwel Qorti iżda ma interpretatx din il-kelma b'dan il-mod. Din il-Qorti taqbel mal-interpretazzjoni li tat l-ewwel Qorti, u qabilha tal-Qorti Kostituzzjonali, fis-sens li kienet tintuża' biex tiddistingwi dawk il-konċessjonijiet li jingħataw għal perjodu ta' sena sħiħa minn dawk li kienu jingħataw għal perjodu staġjonali. Dan anki kif paċifikament stabbilit permezz ta' ġurisprudenza paċifika iċċitata mill-Awtorità f'paragrafu 3 tar-Risposta Ġuramentata tagħha. Ġurisprudenza kemm qabel kif ukoll wara li ġie fis-seħħ l-A.L. 103 tal-2011.[3]

23. L-appellanti ma jgħidux fl-aggravju tagħhom l-għala ma jaqblux mal-interpretazzjoni tal-kelma *permanent* kif mogħtija mill-ewwel Qorti.

**It-tielet aggravju**

24. It-tielet aggravju huwa li l-kawża kostituzzjonali m'għandha l-ebda relevanza għal din il-kawża għaliex:

(1) il-bażi legali fiż-żewġ kawżi hija differenti. F'din il-kawża qed tintalab dikjarazzjoni illi hemm rabta kontrattwali. Mill-banda l-oħra l-kawża

---

[3] Emmanuel Gatt v. Awtorità Marittima ta' Malta 07.07.2004 Prim'Awla; White Wave Company Limited v. Awtorità Marittima ta' Malta 02.12.2004 Prim'Awla; Awtorità tat-Trasport f'Malta v. Joseph Bezzina 03.06.2016 Qorti tal-Appell (Inferjuri) (mhix 06.06.2016 kif erronjament indikat mill-konvenuti).

kostituzzjonali kienet imsejsa fuq il-prinċipju ta' "*legitimate expectation*" u dritt kwežit (jew "*vested rights*").

(2) L-atturi fil-proċedura kostituzzjonali kellhom a dispożizzjoni tagħhom l-irċevuta biss. Huwa biss wara li sabu kopja tal-applikazzjoni inizjali għall-*berthing*.

25. Din il-Qorti tqis li huwa minnu li l-kawża kostituzzjonali hija bbażata fuq kawżali differenti. Dan bilfors huwa hekk għaliex saħansitra il-kompetenza ta' dik il-Qorti hija wkoll differenti minn dik ta' din il-Qorti ta' kompetenza ordinarja. B'danakollu, dak li għamlet l-Ewwel Qorti kien li ċċitat bran mis-sentenza fejn il-Qorti Kostituzzjonali interpretat il-ftehim dwar l-irmiġġ u sabet li dan ma jistax jitqies li għandu natura permanenti, minkejja l-kelma użata fuq l-irċevuti. L-Ewwel Qorti iddikjarat li taqbel ma' din l-interpretazzjoni. Ma qalitx li b'xi mod kienet marbuta bis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali. Din il-Qorti tmur lil hinn minn hekk, u ssostni li l-interpretazzjoni (mhux is-sentenza kollha) tal-Qorti Kostituzzjonali torbot lill-partijiet f'din il-kawża, għaliex *si tratta* tal-istess partijiet u l-istess ftehim ta' rmiġġ. Kif irrimarka l-wisq erudit l-Imħallef Caruana Curran, sedenti fil-Prim'Awla:

> "L-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawża 'Xuereb utrinique" (Kollez. Vol. XXXVII. i, 411) segwita minn din il-Qorti l-istess presjeduta f'**Sciortino utrinque** (23 ta' Ġunju, 1964), għallmet li l-ġudikati preċedenti u l-konstatazzjoni tal-fatti li jimplikaw fil-konfront tal-partijiet għandhom jiġu meħuda bħala deċiżivi għax għall-partijiet jagħmlu stat definitiv.

- omissis –

Kwindi l-mertu m'hemmx bżonn li jkun identiku, anzi rarament jista' jkun, hekk, ċjoè biss fil-każijiet ta' xi liberazzjoni "ab observantia" mħabba xi eċċezzjoni ritwali, għax inklele' ikun hemm l-ostakolu tar-"res judicata". F'dan il-każ il-partijiet ta' din il-kawża kienu wkoll partijiet fl-ewwel kawża u l-meritu huwa intimament konness. Għaldaqstant il-Qorti għandha l-fakolta'....... li tieħu in konsiderazzjoni dawk il-partijiet tas-sentenza tal-15 ta' Ottubru, 1959, li ma humiex sempliċi riepilogu tal-versjonijiet konfliġġenti tax-xhieda imma jikkostitwixxu veri u propji "findings of facts" u li minnhom jemerġu bħala fatti ġudizzjarjament konstati (u għalhekk mhux iżjed kwistjoni ta' importazzjoni ta' prova testimonjali minn proċess ċivili għall-ieħor.)[4]"

26. Fil-kawża kostituzzjonali, il-permanenza tal-ftehim li jifforma l-kweżit f'din il-kawża kien presuppost għat-talba li jiġi ddikjarat li kien hemm ksur ta' dritt kweżit. Ma seta' jkun hemm l-ebda dritt kweżit mingħajr dritt permanenti.

27. Fl-aggravju tagħhom, l-appellanti jisħqu li quddiem il-Qorti Kostituzzjonali kellhom biss ir-riċevuti, mentri issa quddiem din il-Qorti esebew ukoll kopja tal-applikazzjoni inizjali għall-*berthing*. Dan iżda ma jeffettwax l-interpretazzjoni li ħadet il-Qorti Kostituzzjonali u, warajha, il-Qorti tal-Prim'Istanza fis-sentenza appellata.

28. It-tielet aggravju huwa wkoll miċħud.

---

[4] Kollezzjoni ta' Deċiżjonijiet tal-Qrati Superjuri – Vol XLIX, Part II, 1965, p. 1014

***Decide***

29. Għal dawn il-motivi l-Qorti qiegħda tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Spejjeż tal-ewwel istanza kif deċiżi mill-ewwel Qorti; spejjeż ta' dan l-appell a kariku tal-appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da